Minuti tal-erbgħa u ħamsin laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill (uffiċċju temporanju fil-Librerija G. Zammit) nhar l-Erbgħa 23 ta' Settembru 2015 fis-6.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku | John Mary Calleja |
| | Kunsilliera | Mark Anthony Sammut, Demelsa Grech u Stefan Caruana |
| | Aġent Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |
| | *Corporate Service Executive Manager* | Joseph M. Formosa |
| Skużat: | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |

Aġenda:-

1. Approvazzjoni ta' minuti:
    - a. Minuti 51/7 – 23 ta' Lulju 2015
    - b. Minuti 52/7 – 28 ta' Lulju 2015
    - c. Minuti 53/7 – 19 ta' Awwissu 2015

2. Komunikazzjonijiet:
    - a. Sindku
    - b. Komunikazzjonijiet dwar xogħol fid-diversi dekasteri:
        - i. Viċi Sindku
        - ii. Kunsillieri
    - c. Korrispondenza

3. Rapporti:
    - a. Ilmenti

4. Proġett ta' Triq Ħal Safi u Triq Birżebbuġa – bankini u *resurfacing* – pendenzi, kontijiet u pagamenti

5. Lura fil-bini amministrattiv tal-Kunsill

6. *Live Streaming* tal-laqgħat tal-Kunsill

7. Għażla tal-Ambaxxatur/Ambaxxatriċi għall-Kunsill Lokali tal-Gudja

8. Attività – JChallenge mit-13 sal-15 ta' Novembru 2015 fl-area ta' Ġnien Raymond Caruana

9. Finanzi:
    a. *Petty Cash*
    b. Skeda ta' Pagamenti
    c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

10. Temi u Xogħlijiet Pendenti:
    a. L-Estenzjoni tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja - żviluppi
    b. Playing field fi Ġnien Raymond Caruana - Progress dwar manutenzjoni u kontijiet pendenti
    c. Triq Ruzar Formosa - progress
    d. CCTV cameras ġewwa l-Gudja – progress mar-Reġjun
    e. Għotja ta' Automated External Defibrillator (AED) – Ftehim mal-Gudja United FC u l-Youth Nursery
    f. Xogħlijiet ta' konkos/asfaltar fi Triq Victor Pasmore, Triq tal-Lampat u Triq Bur Ġlat
    g. Proġett ta' restawr – progress dwar l-applikazzjoni
    h. Barriers fi Triq il-Kbira, il-Gudja

**Ftuħ tal-laqgħa**

Il-laqgħa bdiet fis-6.05pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

Mal-ftuħ tal-laqgħa l-Kunsill ġie infurmat illi s-Sur Baldacchino kien bagħat komunikat permezz ta' sms li ma setax jattendi minħabba x-xogħol. Il-Kunsill qabel li s-Sur Baldacchino jitniżżel bħala skużat u għalhekk mhux se jaffettwa l-*allowance* tiegħu ta' kull sitt xhur.

**1.0 Approvazzjoni ta' minuti:**

**a. Minuti 51/7 – 23 ta' Lulju 2015**
**b. Minuti 52/7 – 28 ta' Lulju 2015**
**c. Minuti 53/7 – 19 ta' Awwissu 2015**

1.1 Il-minuti hawn fuq imsemmija ġew ċirkulati għand il-Kunsillieri kollha qabel din il-laqgħa u ġew meħuda bħala moqrija. Dawn il-minuti kollha ġew approvati nem con.

**2.0 Komunikazzjonijiet**

2.1.0 Sindku

2.1.1 Toqob għall-arbli li jitwaqqfu b'konnessjoni mal-festi ċċelebrati fil-Gudja.

Malli fetaħ id-diskussjoni waqt din it-tema s-Sindku talab is-sospenzjoni tal-aġenda u l-Kunsillieri kollha preżenti qablu sabiex il-membri preżenti f'isem is-

Soċjetà Filarmonika La Stella jesprimu dwar dak meħtieġ u li dak li jsir jkun jista’ jintuża mill-għaqdiet kollha li jkunu nvoluti fin-nar tal-art fuq in-naħa t’isfel ta’ Triq Bir Miftuħ.

Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li s-Sindku jmur fuq il-post mal-membri ta’ din is-Soċjetà sabiex jara dak meħtieġ u li jitwettaq fl-interess komuni ta’ dawk kollha kkonċernati. Ġie diskuss li f’dawn it-toqob hemm problema komuni għall-għaqdiet kollha peress li t-toqob preżenti mhux fondi u li l-bejta hija żgħira u b’hekk it-toqob jkunu bla saħħa għall-arbli li jidħlu fihom.

Il-Kunsill qabel ukoll li jiddiskuti mar-rappreżentanti tal-Għaqda Mużikali Marija Assunta peress li anke din l-Għaqda talbet lill-Kunsill li joffri l-għajnuna tiegħu dwar din il-problema.

Ir-rappreżentati tas-Soċjetà Filarmonika La Stella wrew il-ħtieġa li dak meħtieġ issir fl-aqsar żmien possibli peress li l-Festa tar-Rużarju tinsab fil-qrib u ftit hemm ħin li jsir dak meħtieġ.

Peress li l-Kunsill qabel li t-talba hija ġusta u li għandha tiġi konsiderata b’mod favorevoli, il-Kunsill qabel li nhar il-Ġimgħa 25 ta’ Settembru 2015 filgħodu r-rappreżentanti ta’ dawk konċernati għandhom jingħaqdu mas-Sindku sabiex jimmarkaw it-toqob u jiġi diskuss u mwettaq ix-xogħol meħtieġ li jkunu fl-aħjar interess komuni tat-tliet għaqdiet/soċjetajiet li jkunu nvoluti fin-nar tal-art u festi esterni.

Għas-6.30pm r-rappreżentati tas-Soċjetà Filarmonika La Stella ħallew il-laqgħa, u s-Sindku ppropona u l-Kunsillieri kollha preżenti qablu, li jikkonsidra t-tema 7 fuq l-aġenda.

## 7.0 Għażla tal-Ambaxxatur/Ambaxxatriċi għall-Kunsill Lokali tal-Gudja

7.1 Sa. Sara Camilleri li hija l-unika persuna li applikat u wriet interess f’din il-kariga wara li ntbagħtet ittra ċirkulari għand ir-residenti kollha tal-Gudja kienet preżenti fuq stedina tal-Kunsill.

Is-Sindku introduċa lil Sara Camilleri u talab lill-Kunsillieri kollha li jsaqsu mistoqsijiet pertinenti dwar l-għażla denja ta’ Sa. Camilleri f’din il-kariga ta’ Ambaxxatriċi għall-Gudja fil-Kunsill Lokali tal-Gudja. Il-Kunsill b’mod unanimu qabel li Sa. Camilleri hija denja għal din il-kariga peress li għandha l-kwalitajiet u l-karatteristiċi kollha li tkun suċċess bħala Ambaxxatriċi tal-Gudja. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma liċ-Ċermen tal-Vot16 dwar din il-ħatra. Is-Sindku stieden lil Sa. Camilleri sabiex tkompli tattendi din il-laqgħa kif ukoll tattendi għal-laqgħat kollha tal-Kunsill u tħeġġeġ liż-żgħażagħ tal-Gudja sabiex jersqu lejn il-Kunsill u jinteressaw ruħhom fil-ħidma estiża tal-Kunsill Lokali tal-Gudja.

Sospenzjoni tal-Aġenda sabiex il-Kunsill jiddiskuti t-tema 8 fuq l-aġenda.

## 8. Attività – JChallenge mit-13 sal-15 ta' Novembru 2015 fl-area ta' Ġnien Raymond Caruana

8.1 Għal din it-tema l-Kunsill stieden lis-Sur Caruana sabiex jagħti ftit tagħrif dwar din l-attività li sejra ssir għat-tieni darba fil-Gudja. Is-Sur Caruana ta dan it-tagħrif u spjega li din l-attività hija ta' interess kemm lokali għaż-żgħażagħ kollha tal-Gudja kif ukoll fiha interess u kontenut nazzjonali u b'hekk il-kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali tal-Gudja jagħti ġieħ lill-istess Kunsill.

8.2 Is-Sindku bil-qbil unanimu mal-Kunsillieri kollha, stieden liż-żgħażagħ organizzaturi tal-JChallenge li kienu preżenti waqt din il-laqgħa sabiex jindirizzaw lill-Kunsill dwar din il-ħidma u s-siewi tal-JChallenge fil-Gudja u dwar din il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Gudja.

8.3 Sa. Gabriella Baldacchino spjegat il-ħidma tal-organizzaturi li tinkorpora ħtieġa ta' permessi, xogħol ta' uffiċċju, kiri ta' tined kemm kbar u kemm żgħar, kif ukoll l-esekuzzjoni tal-attività li għandha ġġib lill-Gudja bħala villaġġ għaż-żgħażagħ. Il-Ġnien R. Caruana u l-inħawi tal-madwar ssir dan il-villaġġ għaż-żgħażagħ kif jixraq.

8.4 Il-Kunsill ġie infurmat li hemm il-ħsieb li jiġu mistidnin diversi mistiedna distinti fosthom il-President ta' Malta E.T. Marie Louise Coleiro Preca, l-Onor. Chris Agius, l-Onor Dr S. Busuttil u mistednin oħra.

Il-Kunsill informa u qabel li f'dan ir-rigward għandu jimxi skont il-protokol stabbilit. Il-Kunsill qabel li filwaqt is-saħħa u s-sigurtà waqt din l-attività hija kompletament f'idejn l-organizzaturi tal-JChallenge, il-Kunsill joffri l-għajnuna tal-Pulizija/Wardens kif ukoll finanzjament tal-madwar €500 peress li din l-attività dwar il-JChallenge qed tinkorpora fiha l-attività tal-Erba' Staġuni.

Tkomplija tal-aġenda - item 2.1.1

2.1.1 Malli r-rappreżentanti żgħażagħ tal-JChallenge ħarġu mil-laqgħa tal-Kunsill, il-Kunsill laqgħa lir-rappreżentanti tal-Għaqda Mużikali Marija Assunta sabiex kif kien miftiehem, jiddiskutu mal-Kunsill dwar il-ħtiġijiet tagħhom dwar it-toqob li diġà ġew imsemmija.

Ir-rappreżentanti tal-Għaqda Mużikali Marija Assunta stqarru li hemm toqob bla konkos, tappieri mkissra kif ukoll xi 3 toqob ġodda għan-nar fit-tarf ta' Triq Bir Miftuħ u fejn hemm il-ħżiena dawn jitranġaw. Il-Kunsill qabel li għandu jsir dak meħtieġ u għalhekk stieden lir-rappreżentanti tal-Għaqda Mużikali Marija Assunta sabiex nhar il-Ġimgħa 28 ta' Settembru 2015 filgħodu jingħaqdu mas-Sindku sabiex jimmarkaw it-toqob u jiġi diskuss u mwettaq ix-xogħol meħtieġ li jkun fl-aħjar interess komuni tat-3 għaqdiet/soċjetajiet li jkunu nvoluti fin-nar tal-art u festi esterni.

Għal ħabta tas-6.45pm il-laqgħa kompliet skont l-aġenda.

## 2.0 Komunikazzjonijiet

2.1.0 Sindku

2.1.2 Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jinxtraw tliet *bollards* għal dawn il-postijiet:-

Ħdejn il-Gudja United FC ħdejn it-taraġ (waħda fuq kull naħa)
F'Wesgħet Anġlu Dalli (biswit sqaq li minnu jinbiegħ il-ħaxix)

Il-Kunsill qabel u approva dwar dak li qal is-Sindku

2.1.3 Kanal/kulvert fit-trejqa li tagħti għal kampanja f'Ta' Xlejli. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jiġu mmarkati l-għadajjar sabiex isiru kulverts u kanali sabiex l-ilma jiskula għal ġol-*gutter* tal-ġibjun *soak away* fl-istess inħawi.

2.1.4 Xogħol fi Sqaq il-Munxar. Is-Sindku qal li sar xogħol f'dan l-isqaq billi ġew magħluqa t-toqob b'materjal addattat. Wara dan ix-xogħol qed jirriżulta li meta ngħata l-konkos sar maqgħad u hemm ħtieġa li jsir kanal sabiex jiskula l-ilma.

Is-Sindku qal li huwa flimkien mal-Perit Gilbert Bartolo mar fuq il-post u ġie stabbilit illi dan l-isqaq għandu jitnaddaf u li jsir xogħol li jgħin sabiex l-ilma jiskula kif ikun meħtieġ.

Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sindku.

2.1.5 Xogħol fi triq tal-ġibjun – Wied Ġarnaw. Is-Sindku qal li sar xogħol ta' tindif u mtlew ħofor bil-konkos billi nxtraw u ntużaw 16-il jarda konkos. Is-Sindku qal li hemm bżonn ta' tindif aktar u li għandhom jintużaw xi 2 jew 3 skips u jitkompla x-xogħol ta' mili tat-toqob billi jinxtraw 32 jarda konkos oħra sabiex dak li sar ma jinqalax malli tagħmel ix-xita u jgħaddi l-wied.

Is-Sindku qal li l-Perit tal-Kunsill kien diġà żar il-post u qabel dwar ix-xogħol meħtieġ. Is-Sindku qal wara s-16-il jarda konkos li diġà ntuża issa nkunu nistgħu naraw sa fejn iwassal il-proġett b'żieda ta' 32 jarda oħra. Bil-konkos C20 ma jkunx hemm bżonn ta' ħadid. Il-Kunsill qabel u approva dwar dak li qal is-Sindku.

2.1.6 Triq De Warsbergh. Is-Sindku qal li kien hemm bżonn ta' xogħol fuq bankina fi Triq De Warsbergh u talab li jinxtraw jarda u kwart konkos sabiex isir ix-xogħol meħtieġ. Il-Kunsill qabel u approva dwar dak li qal is-Sindku

2.1.7 Siġar li kienu jimblukkaw f'Wied Ġarnaw. Is-Sindku qal li sar ix-xogħol meħtieġ u għalhekk issa hemm aċċess liberu.

2.1.8 Xiri ta’ żewġ jardi ramel u żewġ jardi żrar. Is-Sindku qal li hemm bżonn ta’ xiri ta’ dan il-materjal sabiex iservi għal diversi xogħlijiet żgħar madwar il-Gudja. Is-Sindku qal li peress li ma hemmx lok ta’ fejn jitpoġġa dan il-materjal huwa kien sejjer ipoġġi dan il-materjal fil-propjetà tiegħu fi Triq Ħal Tarxien, il-Gudja u li meta l-ħaddiema tal-Kunsill ikollhom bżonn tal-użu ta’ dan il-materjal huma jkunu jistgħu joħorġu dan il-materjal mill-post b’mod liberu. Il-Kunsill qabel u approva dwar dak li qal is-Sindku.

2.1.9 Laqgħa mas-Segretarju Parlamenti Dr. Stefan Buontempo li saret fis-26 t’Awwissu 2015, fl-uffiċċju tiegħu l-Belt dwar lok addatat għall-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Gudja. Is-Sindku qal li waqt il-laqgħa mal-Onor Buontempo huwa kien spjega li l-Kunsill qed jopera b’diffikultà kbira mill-post temporanju fil-Librerija G. Zammit fl-iskola Primarja tal-Gudja Kulleġġ San Benedittu. Is-Sindku qal li l-Onor Buontempo kien simpatetiku dwar il-problema li qed jaffaċja l-Kunsill u l-ħaddiema fl-oqsma amministrattivi tal-Kunsill.

L-Onor Buontempo wiegħed kull għajnuna possibbli billi jikkordina mal-Ministeru tal-Edukazzjoni sabiex tiġi mistħarrġa l-possibiltà li l-Kunsill jikseb spazju meħtieġ fl-Iskola Primarja peress li f’din l-iskola hemm ftit studenti (approx. 70) u li jidher li l-ispazju ta’ din l-iskola mhux qed jintuża.

Is-Sindku qal li l-istess Onor Buontempo qal ukoll li lest li jgħin lill-Kunsill sabiex il-Kunsill isib lok xieraq bil-possibiltà li tiġi devoluta lill-Kunsill biċċa art li l-Kunsill ikun jista’ jiżviluppa fil-bini amministrattiv u ħtiġijiet oħra fl-interess tal-Kunsill u r-residenti tal-Gudja.

F’dan ir-rigward nhar l-Erbgħa 09 ta’ Settembru 2015 saret żjara minn delegazzjoni li kienet immexxija mis-Sur Noel Abela li huwa ċ-*Chief of Staff* fil-Ministeru tal-Edukazzjoni u Xogħol u l-membri oħra ta’ din id-delegazzjoni kienu Sna Rosylnn Vella Direttur, is-Sur Paul Debono Prinċipal, Sna Elizabeth Fenech Kap tal-Iskola Primarja tal-Gudja. Għall-Kunsill kien hemm is-Sur John Mary Calleja kif ukoll is-Sur Joseph M. Formosa.

Is-Sindku stqarr li waqt din iż-żjara ġewwa l-iskola tal-Gudja deher bl-aktar ċar li l-Kap tal-Iskola kellha użu għal kull kamra, kuridur u spazju ieħor fl-iskola u dawk il-kmamar li setgħu jkunu disponibbli għal użu tal-Kunsill, dan kienu konsidrati umdi u l-ispiża meħtieġa sabiex il-Kunsill ikun jista’ jużu dan il-lok sabiex ikun disponibbli għal Kunsill, ma kinitx vijabbli u għalhekk ma setax jikkonsidra li dawn iż-żewġ kmamar huma ta’ użu siewi għall-Kunsill.

Is-Sindku qal li f’din is-sitwazzjoni huwa talab li għal lanqas il-Kunsill kellu jikseb lura l-użu tal-kamra li kien juża bħala LLL *Centre*.

Is-Sindku qal li waqt din il-laqgħa fuq il-post sar qbil li l-Kunsill ikun jista’ juża din il-kamra billi jagħlaq l-aċċess mill-iskola, jinkorpora t-*toilets* billi jiftaħ bieb mill-istess kamra tal-LLL u bieb ieħor minn fuq Triq William Baker.

Is-Sindku qal li kien sar qbil li l-Perit tal-Kunsill kellu jagħmel il-pjanti meħtieġa sabiex jikseb il-permessi meħtieġa u li x-xogħol issir b'mod li ma jaffetwax il-ħidma tal-iskola, tal-għalliema u t-tfal li jkun qed jattendu l-iskola.

Is-Sindku qal li meta l-għada l-Perit tal-Kunsill u s-Sur Formosa marru l-iskola sabiex il-Kunsill jibda jwettaq dak miftiehem, il-Kap tal-Iskola Sna. Fenech infurmat lill-Perit Gilbert Bartolo u lis-Sur Formosa illi kienet ġiet infurmata li kellu jkun il-Perit u l-Precent Officer min-naħa tal-iskola/Kulleġġ li kellu jkun involut u għalhekk il-Perit tal-Kunsill ma jkollux x'jaqsam u li ma setetx tagħti permess li l-Perit Bartolo jkun jista' jidħol fil-post u jagħti bidu għax-xogħol kif kien miftiehem fil-ġurnata ta' qabel.

Minn dak in-nhar lil hawn ma kien hemm ebda komunikat minkejja li l-Kap tal-Iskola kienet wegħdet li sejra terġa' tinforma lill-Kunsill dwar l-iżviluppi ta' dan il-proġett. Il-Kunsill iddeċieda li jikteb lill-Prinċipal tal-Kulleġġ San Benedittu u lid-Direttur tar-Riżorsi tal-Iskejjel Rosylnn Vella dwar il-qagħda preżenti dwar il-LLL *Centre* u dwar dak li kien miftiehem waqt il-laqgħa li kienet saret fuq il-post fejn ġie miftiehem li dan il-lok ikollu entratura independenti bil-faċilitajiet ta' *toilets*.

Lok addatat għal bini tal-Kunsill. Is-Sindku qal li wara li ta tagħrif dwar il-qagħda preżenti fil-konnessjoni mal-iskola l-Kunsill ukoll jinsab impenjat li jsib lok alternattiv u jagħmel l-iżvilupp meħtieġ sabiex il-Kunsill ikollu l-uffiċċini amministrattiv u faċilitajiet oħra tiegħu li jkunu f'post ċentrali u aċċessibbli.

Is-Sindku qal li sa żmien ilu l-Kunsill kien ikkonsidra li jkun hemm użu aħjar mill-Ġnien Raymond Caruana u li jista' jkun hemm *partnership* mal-privat. Il-Ġnien jibqa' jitgawda sewwa, ikun hemm *underground parking* kif ukoll bini u faċilitajiet oħra għall-Kunsill u sala għall-komunità.

Saret diskussjoni u l-Kunsill iddeċieda li jagħmel l-iżvilupp meħtieġ fi Ġnien R. Caruana u dan kif ukoll għamel il-Kunsill ta' Raħal Ġdid meta bena l-uffiċċini tiegħu fuq parti mill-ġnien.

Il-Kunsill qabel li jiddiskuti din il-proposta kemm mal-Perit tal-Kunsill kif ukoll mal-Perit kunsulent fis-Segretarjat ta' Dr. Buontempo peress li dan wera interess li jgħin lill-Kunsill f'dan ir-rigward.

Meta l-Kunsill ikkonsidra liema parti tal-Ġnien R. Caruana sejra tintmess deher ċar li l-aktar parti li tista' tikseb permessi malajr mingħand il-MEPA hija dik fejn preżentament hemm il-latrini pubbliċi.

Dwar il-finanzjament is-Sindku qal il-Kunsill għandu possibbiltà li jikseb bejn nofs u tliet kwarti tal-ispejjeż ta' dan l-iżvilupp, iżda l-Kunsill ikollu aktar dettalji malli jkun hemm il-konsultazzjoni mal-Periti u nies tekniċi meħtieġa li jagħtu l-pariri lill-Kunsill.

Ritorn għall-bini tal-Kunsill fi 88 Triq R. Caruana, il-Gudja.

Is-Sindku qal li l-Perit tal-Kunsill Bartolo ċċertifika li x-xogħlijiet meħtieġa huma lesti u għalhekk il-Kunsill jista’ jibda jopera fil-bini ta’ 88 Triq R. Caruana li huwa l-bini approvat għal amministrazzjoni tal-Kunsill.

Saret diskussjoni dwar l-aċċessibilità ta’ dan il-post. Ġie diskuss li hemm ħafna nies li jridu li l-Kunsill jibqa’ jopera fil-post eżistenti peress li huwa aċċessibbli. Hemm nies li jridu li l-Kunsill jerġa’ jmur lura fil-post 88 Triq R. Caruana, il-Gudja. Ġie diskuss ukoll li l-kamra t’isfel tista’ tiġi utilizzata għall-ħlas tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma tal-ARMS u dan jgħin għal aktar aċċess. Ġiet diskussa wkoll li jsir xi sistema ta’ lifts sabiex il-bini jkun aċċessibbli kompletament.

Is-Sindku qal li minħabba s-sitwazzjoni preżenti fejn ma hemmx faċilitajiet sanitarji, konfużjoni peress li l-post jintuża wkoll librerija kif ukoll l-ebda privatezza, fil-preżent il-Kunsill ma għandux għażla ħlief li għal issa l-Kunsill għandu jirritorna għal bini fi 88 Triq R. Caruana kif kien approvat skont il-Liġi tal-Kunsilli Lokali meta ġie mwaqqaf l-ewwel Kunsill Lokali għall-Gudja.

Is-Sindku qal ukoll li s-sitwazzjoni preżenti qiegħda tfixkel ferm il-ħidma tal-amministrazzjoni tal-Kunsill u jidher ċar li din is-sitwazzjoni ma tantx tista’ titawwal aktar.

Saret diskussjoni fejn il-punt l-aktar prevalenti kien illi jekk il-Kunsill imur lura għall-bini fi 88 Triq R. Caruana, l-urġenza preżenti li l-Kunsill ikollu l-uffiċċini aċċessibbli tiegħu, tispiċċa u l-Kunsill ikun qed idajjef is-sejħa tiegħu li jikseb dak meħtieġ bħala lok addatat u aċċessibbli kemm għall-Kunsill kif ukoll għal min jersaq sabiex jieħu servizz mingħand il-Kunsill.

Is-Sindku qal li huwa kien iħoss li din hija biża’ infondata u għalhekk fiċ-ċirkustanzi preżenti l-Kunsill għandu jerġa’ jmur lura sabiex jopera mill-bini 88 Triq R. Caruana, il-Gudja.

F’dan l-istadju s-Sindku ppropona, li peress li l-Perit tal-Kunsill ċċertifika li xogħlijiet meħtieġa huma lesti u peress li l-Kunsill ma jistax jibqa’ jopera mill-bini tal-librerija peress li dan qed joħloq diffikultà kbira peress li ma hemmx faċilitajiet meħtieġa, il-Kunsill għandu jerġa’ lura fil-post ta’ 88 Triq R. Caruana, il-Gudja b’mod immedjat.

Il-Kunsillieri insistew li hemm problema serja ta’ aċċessibiltà u għalhekk fil-preżent il-Kunsill għandu jibqa’ jopera fil-librerija b’mod temporanju u jinsisti li jinsab lok alternattiva li jkunu aċċessibbli.

Is-Sindku talab vot dwar il-proposta tiegħu.

Ittieħed vot:

Dawk favur – John Mary k/a Mario Calleja Sindku

Assenzjoni - Ħadd

Dawk kontra – Mark Anthony Sammut, Demelsa Grech u Stefan Caruana

Il-proposta tas-Sindku ma għaddietx.

Wara dan ir-riżultat is-Sindku qal li kien sejjer jinforma lid-Direttur tal-Gvern Lokali dwar dan għaliex meta l-Kunsill kien iċċaqlaq għal-Librerija dan kien b'mod temporanju u b'mod uffiċjali l-bini tal-Kunsill huwa dak ta' 88 Triq R. Caruana, il-Gudja.

2.1.10 Kaxxa safra – quddiem ir-residenza ta' 56, Wesgħet Anġlu Dalli, il-Gudja. Is-Sindku qal li l-Kunsill kellu talba sabiex issir kaxxa safra quddiem din ir-residenza fuq bażi umanitarja. Il-Kunsill qabel u approva dwar dak li qal is-Sindku.

2.1.11 Ħsara bil-*bus shelter/gazebo* fl-eksvenda tal-Gudja. Is-Sindku qal li kien hemm vandaliżmu minn żagħżugħ li kisser xi ħġieġ. Dan iż-żagħżugħ ġie ddendifikat u sar rapport lill-Pulizija. Jidher li missier iż-żagħżugħ qed jallega li ibnu ma kissirx il-ħġieġ kollu. Saret diskussjoni u l-Kunsill jitlob il-ħlas ta' 3 ħġiġiet u li l-istess Kunsill iħallas għal ħġieġa waħda peress li ma hemmx ċertezza jekk din il-ħġieġa kinitx diġà mkissra.

2.1.12 Triq Ħal Safi – ħsara fil-ħitan. Is-Sindku qal li l-ilmijiet faqgħu xi ħitan u għalhekk hemm ħtieġa li l-ilma ma jibqax jagħmel ħsara. Il-Kunsill qabel li jitlob l-għajnuna tal-Perit Buhagiar sabiex flimkien mal-Awtoritajiet kompeteneti u kkonċernati jsir dak meħtieġ mingħajr li l-Kunsill jidħol fi spejjeż finanzjarji.

2.2.0 Komunikazzjonijiet dwar xogħol fid-diversi dekasteri

2.2.1 Viċi Sindku

2.2.2 Kunsillieri

a. Mark Antohny Sammut

i. YiA 2015 & 2016. Is-Sur MA Sammut informa lill-Kunsill dwar dawn l-arranġamenti.

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja għal darb'oħra ġie aċċettat bħala partner fi proġett tal-Erasmus+ tal-Unjoni Ewropea. B'differenza mis-soltu, dan il-proġett ser ikun maqsum fuq żewġ partijiet. L-ewwel parti ser issir ġewwa Sillamäe, l-Estonja, bejn is-26 ta' Ottubru u l-1 ta' Novembru 2015. It-tieni parti ser issir qrib Leeds, l-Ingilterra bejn l-20 u s-27 ta' April 2016. It-titlu tal-proġett huwa "Beating mindless students' eating". Il-programm huwa varjat ħafna u mimli attivitajiet, u ser jiffoka fuq metodi kif tista' titjieb il-kwalità ta' ikel li jieklu l-istudenti, b'mod speċjali fl-iskejjel u istituzzjonijiet edukattivi, u fih ser jipparteċipaw żgħażagħ mill-Estonja, Turkija, Rumanija, Ingilterra u Malta.

Il-proġett huwa miftuħ għal sitt żgħażagħ bejn l-14 u l-25 sena. Il-parteċipanti jridu jkunu lesti jattendu għaż-żewġ partijiet tal-proġett, kemm dik fl-Estonja f'Ottubru li ġej u kemm dik fl-Ingilterra f'April 2016.

L-ispejjeż kollha tal-akkomodazzjoni, trasport, attivitajiet u ikel jitħallsu mill-*budget* tal-Erasmus+ tal-Unjoni Ewropea. Il-parteċipanti jħallsu biss parti mill-ispejjeż tat-trasport, li b'kollox m'għandhomx jaqbżu l- €200.

In-numru ta' applikanti kienu 9, iżda peress li kien hemm 7 applikanti mill-Gudja, il-Kunsill aċċetta li jagħżel lill-applikanti biss residenti tal-Gudja u kontra qlabu kellu jirrifjuta dawk l-applikenti barra mill-Gudja u dan minħabba limitazzjoni tan-numru kif stabbilit fil-programm ta' fondi Ewropej.

Sa. Maria Abela hija t-team leader tal-grupp. Kull parteċipant (barra t-team leader) se jħallas €100.00. Id-differenza titħallas minn fondi Ewropej. Meta jkun hemm xi differenza din toħroġ minn fondi ta' riserva.

ii. Kors ta' pilates – Ottubru sa Diċembru 2015 ġewwa l-Iskola St. Joan Antide. Is-Sur Sammut ta tagħrif dwar dan il-kors. Ħlas mill-Kunsill huwa ta' €240.00 għal għaxar sessjonijiet. €10.00 ħlas minn kull parteċipant li jagħmel tajjeb għal xi ħlas għas-sala jew kontribuzzjoni għall-ħlas tat-trainer ta' dawn is-sessjonijiet.

iii. *After School Sport* 2015/2016. Is-Sur Sammut qal li għadu mhux infurmat dwar dan il-programm li jidher li kien ta' interess fis-snin li għaddew.

iv. Dawl ta' Ġnien Ġlormu Cassar. Is-Sur Sammut qal li jidher li qed ikun hemm qtugħ ta' dawl f'diversi ħinijiet. Il-Kunsill qabel li jitlob lin-Nexos sabiex jara dwar dak meħtieġ.

v. Skip fl-inħawi ta' Triq Joseph Gravina. Is-Sur Sammut qal li peress li hemm abbuż kontinwu l-Kunsill għandu jagħmel CCTV li jkunu wkoll amministrati mas-sistema tal-LES. Is-Sindku wieġeb li qed jagħmel sorveljanza sabiex tinżamm l-indafa u li diġà ħa passi mar-Reġjun Nofsinhar dwar is-sistema tas-CCTV/LES.

b. Demelsa Grech

i. Korsijiet ta' *beading* u *crafts*. Sa. Grech qalet li kellha l-ħsieb li jerġa jiġu organizzati l-korsijiet bħala ma' ġara s-sena preċedenti. Saret diskussjoni dwar li l-Kunsill ma jistax jorganizza dawn il-korsijiet minħabba nuqqas ta' faċilitajiet u li l-Kunsill ma jistax jidħol għar-responsabiltà serja iżda mhux meħtieġa, peress li fil-preżent ma għandux aċċess għall-kamra stabilità tal-LLL anke wara l-ħin tal-iskola. Il-Kunsill wera d-diżapprovazzjoni taħt id-direzzjoni ta' Sa. V. Zammit (għalliema fl-Iskola Primarja tal-Gudja), liema tagħlim qed jitħallas mill-Kunsill, qed jagħmlu dan fl-iskola dwak it-tfal li jkun jattendu għall-kors tal-arti u krafts anke waqt l-istess ħin, ma jkunux jistgħu jagħmlu użu mill-kamra tal-LLL.

Il-Kunsill iddeċieda li qabel ma jiddeċiedi dwar dawn il-korsijiet Sa. Grech issib lok meħtieġ billi tikkonsulta lill-Arċipriet u tara dwar il-finanzjament. Wara li jiġi stabbilit il-lok, ikun jista' jiġi stabbilit l-ħlas għal kull min irid jattendi u l-ammont li jkun jista' jisponsorja l-Kunsill. B'din l-informazzjoni l-Kunsill ikun jista' joħroġ ċirkulari meħtieġa dwar dawn il-korsijiet.

c. Stefan Caruana

i. Tiżjin tal-Milied. Is-Sur Caruana qal li t-tiżjin tal-Milied li ma jkunx bl-elettriku għandu jinfirex ukoll f'toroq oħra barra mill-*housing estate* tal-Mitħna għaliex dan jagħti aspett sabiħ tal-Milied għalkemm din it-tiżjin ma jkunx qed jixgħel. Il-Kunsill qabel ma' dan u qabel ukoll li l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill għandhom ukoll jgħinu f'dan it-tiżjin.

Is-Sur Caruana talab li jiġi skużat fis-7.00pm

2.3 Korrispondenza

2.3.1 Dwar korrispondenza li jkun irċieva u bagħat il-Kunsill, il-Kunsill ġie infurmat dwar dan u waqt li qabel ma' dak li wettaq il-Kunsill, il-Kunsill iddeċieda li jkompli jħares u jsegwi kull azzjoni meħtieġa fl-aħjar interess u progress tal-Kunsill.

## 3.0 <u>Rapporti</u>

3.1 Ilmenti. Dwar -ilmenti l-Kunsill ħa konjizzjoni ta' dawn l-ilmenti li waslu għand il-Kunsill waqt dan il-perjodu u ngħata tagħrif dwar dak li sar u tweġibiet u progress li nkiseb sabiex kull min ikun għamel l-ilment ikollu s-sodisfazzjoni li l-Kunsill ikun għamel dak meħtieġ skont iċ-ċirkustanzi tal-ilment rispettiv.

**4.0 Proġett ta' Triq Ħal Safi u Triq Birżebbuġa – bankini u *resurfacing* – pendenzi, kontijiet u pagamenti**

4.1 Il-Kunsill iddeċieda illi isir il-pagament ta' €60,000.00 malli jasal ir-rapport tal-Perit u wara pagamenti fix-xhur ta' wara sakemm jagħlaq il-pagament kollu dovut ie €110,435.00.

**5.0 Lura fil-bini amministrattiv tal-Kunsill**

5.1 Din it-tema diġà ġiet diskussa u deċiża aktar 'il quddiem f'dawn l-istess minuti.

**6.0 *Live Streaming* tal-laqgħat tal-Kunsill**

6.1 Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li minkejja li l-Kunsill jaqbel ma dan u li minkejja li diġà għamel –arranġamenti mal-furnituri, il-Kunsill għadu mhux f'pożizzjoni li jinstalla s-sistema ta' *live streaming*.

**7.0 Għażla ta' Ambaxxatur/Ambaxxatriċi għall-Gudja**

7.1 Din it-tema diġà ġiet diskussa kif indikata aktar 'il quddiem f'dawn l-istess minuti.

**8.0 Attività J Challenge mit-13 sal-15 ta' Novembru 2015 fl-*area* tal-Ġnien Raymond Caruana**

8.1 Din it-tema diġà ġiet diskussa kif indikata aktar 'il quddiem f'dawn l-istess minuti.

**9.0 Finanzi**

9.1 *Petty Cash*. Il-Kunsill ra u approva l-*petty cash* għax-xahar ta' Lulju u Awwissu għall-ammonti ta' €63.44 u €40.89 rispettivament hekk skont kif ippreżentati.

9.2 Skeda ta' Pagamenti. Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Awwissu/Settembru 2015 (skeda 25/7) hekk kif ippreżentata lill-Kunsill għas-somma ta' €45,377.62 u li jinżamm xi pagamenti (għalkemm approvati) skont kif ikun intqal aktar 'il fuq f'dawn il-minuti ta' din l-istess laqgħa.

9.3 Talbiet għal xiri u xogħlijiet. Il-Kunsill għamel referenza għal xiri u xogħlijiet, servizzi u materjal kif ikun imsemmi aktar 'il quddiem f'dawn il-minuti ta' din l-istess laqgħa u qabel li jipproċedi bil-finanzjament kif u meta jkun meħtieġ.

**10.0 Temi u Xogħlijiet Pendenti**

10.1 L-Estenzjoni tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja – żviluppi. Il-Kunsill għadu qed jaħdem dwar li jakkwista l-permess u dettalji tal-proġett ta' rampa u

taraġ fit-tarf tal-inħawi tal-Kappella ta' Bir Miftuħ (quddiem l-entratura tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja).

10.2 *Playing field* fi Ġnien Raymond Caruana - Progress dwar manutenzjoni u kontijiet pendenti. Din il-pożizzjoni għadha pendent.

10.3 Triq Ruzar Formosa – progress. Il-Kunsill għadu jinsisti li jsir dak meħtieġ.

10.4 CCTV *cameras* ġewwa l-Gudja – progress mar-Reġjun. Il-Kunsill għadu jinsisti li jsir dak meħtieġ.

10.5 Għotja ta' Automated External Defibrillator (AED) – Ftehim mal-Gudja United FC u l-Youth Nursery. Il-Kunsill qed jagħmel l-arranġamenti meħtieġa dwar it-taħriġ u l-ftehim mal-Gudja FC u n-Nursery tal-istess *club*.

10.6 Xogħlijiet ta' konkos/asfalt fi Triq Victor Pasmore, Triq tal-Lampat u Triq Bur Ġlat

10.6.1 Triq tal-Lampat. Il-Kunsill qabel li jitnaddfu l-ġnub u jingħata 7 jardi konkos sabiex il-qagħda preżenti titjib.

10.6.2 Triq Birżebbuġa ('l isfel fil-kampanja). Il-Kunsill alloka €5,000 u jara sa fejn jasal ix-xogħol u li għandu jbaxxi u jgħolli l-livelli sabiex ma jkunx hemm magħqad tal-ilma jew ħsarat oħra.

10.6.3 Triq Bur Ġlat. Is-Sindku qal li xogħol beda u sejjer jitkompla kif meħtieġ.

10.6.4 Triq Victor Pasmore. Is-Sindku qal li sar xogħol sewwa iżda hemm bżonn li jsiru xi kanali sabiex l-ilma jiskula aħjar.

10.7 Proġett ta' restawr – progress dwar l-applikazzjoni. Il-Kunsill għadu qed isegwi l-progress dwar dan il-proġett.

10.8 *Barriers* fi Triq il-Kbira, il-Gudja. Il-Kunsill għadu jinsisti mat-TM sabiex jikseb il-permessi meħtieġa.

## 11.0 <u>Għeluq tal-laqgħa u aġġornament</u>

11.1 Peress li t-temi kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti l-laqgħa spiċċat fid-8.45pm u s-Sindku aġġorna l-laqgħa għad-19 ta' Ottubru 2015 fis-6.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| J Ranier Busuttil | Joseph M. Formosa | John Mary Calleja |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | *Corporate Service Executive Manager* | Sindku |

Data: ____________________